

Paġna ewlenija>L-impatt tal-virus COVID-19 fuq il-qasam tal-ġustizzja>Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza
Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza

Slovenja

1 Impatt tal-Covid-19 fuq proċedimenti ċivili

1.1 It-termini fi proċedimenti ċivili

Id-Digriet tat-13 ta' Marzu tal-President tal-Qorti Suprema fuq il-bażi ta' proposta mill-Ministru tal-Ġustizzja, iddetermina li, ħliet f'materji urġenti, l-**iskadenzi proċedurali** huma sospiżi.

Fl-20 ta' Marzu 2020 ġiet adottata Liġi dwar miżuri temporanji f'materji ġudizzjarji, amministrattivi u oħrajn pubbliċi sabiex tiġi kkontrollata l-ħsara tat-tixrid tas-SARS-CoV-2 (COVID-19) u din daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2020. Il-miżuri kollha deċiżi f'din il-liġi u kwalunkwe miżura oħra meħuda abbażi ta' din il-liġi huma validi sakemm deċiżjoni tal-Gvern tistabbilixxi li r-raġunijiet għal dawn il-miżuri jkunu spiċċaw, iżda **sa mhux aktar mill-1 ta' Lulju 2020**.

Il-Liġi introduċiet dispożizzjonijiet għat-termini kollha (materjali u proċedurali). It-termini sabiex titressaq talba fi proċedimenti ġudizzjarji, li huma ddeterminati bil-liġi, huma sospiżi mill-29 ta' Marzu 2020. L-iskadenzi fil-proċedimenti ġudizzjarji (skadenzi proċedurali) huma wkoll sospiżi mid-29 ta' Marzu 2020, ħliet f'materji ġudizzjarji li huma meqjusa bħala urġenti.

Barra minn hekk, l-iskadenza għat-tressiq tal-ilment kostituzzjonali hija sospiża.

It-termini se jkomplu jiddekorru wara li jiskadu l-miżuri stabbiliti mil-Liġi.

L-Att li Jemenda l-Att dwar il-Miżuri Provviżorji b'Rabta ma' Materji Ġudizzjarji, Amministrattivi u Materji Oħra ta' Dritt Pubbliku biex Tiġi Kkontrollata l-Imxija tal-Marda Infettiva tas-SARS-CoV-2 (COVID-19) ġie adottat fid-29 ta' April.

L-iskadenzi proċedurali u materjali għadhom ma bdewx jiddekorru, u l-miżuri jippermettu tranżizzjoni gradwali għal operazzjonijiet normali ulterjuri u fl-istess waqt jipproteġu lil min hu l-aktar dgħajef.

1.2 L-organizzazzjoni ġudizzjarja u l-Ġudikatura

L-Att li Jemenda l-Att dwar il-Miżuri Provviżorji b'Rabta ma' Materji Ġudizzjarji, Amministrattivi u Materji Oħra ta' Dritt Pubbliku biex Tiġi Kkontrollata l-Imxija tal-Marda Infettiva tas-SARS-CoV-2 (COVID-19) jippreżenta bażi ġuridika għall-korpi ġudizzjarji u amministrattivi u awtoritajiet pubbliċi oħra biex jorganizzaw smiġh orali, seduti ta' smiġh, jiddeċiedu u jinnotifikaw rigward materji mhux urġenti, iżda xorta waħda skont il-kundizzjonijiet ta' sigurtà, xogħol għall-impjegati u għall-klijenti bla ebda interruzzjoni.

Il-qrati u korpi ġudizzjarji oħra, li matul dan iż-żmien ħadu wkoll diversi deċiżjonijiet dwar każijiet li ma kinux definiti bħala urġenti, se jibagħtu jew jinnotifikaw dawn id-deċiżjonijiet lill-partijiet li, b'mod ieħor, huma familjari magħhom, iżda li, jekk ma jridux, mhumix obbligati u vinkolati mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att li jieħdu azzjoni, billi l-iskadenzi, kemm proċedurali kif ukoll materjali, għadhom ma bdewx jiddekorru. Madankollu, jekk jixtiequ, jistgħu jieħdu azzjonijiet individwali li jippermettu lill-istituzzjonijiet jiffunzjonaw bla intoppi u b'hekk ikunu jistgħu jottjenu d-drittijiet tagħhom qabel.

Fil-qasam tal-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni hija sospiża. Wara li tidħol fis-seħħ l-emenda, il-qrati se jkunu jistgħu wkoll joħroġu ordnijiet ta' eżekuzzjoni u assigurazzjoni u jinnotifikawhom lill-klijenti f'każijiet mhux urġenti li bdew jiddekorru qabel l-introduzzjoni tal-miżuri minħabba l-epidemija. F'dawn il-każijiet, il-partijiet mhux se jkunu obbligati li jwieġbu immedjatament, billi l-iskadenzi fil-każijiet mhux urġenti ma jiddekorru, u s-soluzzjoni legali li skontha l-eżekuzzjoni għadha fis-seħħ (għajr f'każijiet mhux urġenti, bħall-eżekuzzjoni tal-manteniment) se tkun għadha fis-seħħ, għall-proċedimenti ta' eżekuzzjoni li twaqqfu jew ġew posposti matul l-epidemija. Naturalment, dan ma jfissirx li l-parti li tixtieq twieġeb se tkun limitata għal dan.

Fis-settur klassiku ċivili jew ta' litigazzjoni, il-qrati se jkunu jistgħu joħroġu sentenza u jinnotifikawha wkoll lill-partijiet jekk dawn kienu fil-kawża mhux urġenti qabel l-introduzzjoni tal-miżuri qabel is-smiġh prinċipali. Għaldaqstant il-partijiet se jiġu nnotifikati bis-sentenza, iżda l-limiti taż-żmien ma bdewx jiddekorru. B' dan il-mod, se nagħtu kontribut importanti għall-eliminazzjoni gradwali tal-istaġnar fl-operat tal-qrati.

Barra minn hekk **fil-qasam tal-materji ta' reġistrazzjoni tal-artijiet**, il-proposta tal-Ministru tippermetti r-rilaxx gradwali tal-każijiet. Id-deċiżjoni dwar il-proposta tar-reġistrazzjoni tal-artijiet tista' ssir finali, minkejja li l-iskadenzi mhumix jiddekorru, iżda biss, pereżempju, jekk il-partijiet kollha jirrinunzjaw id-dritt għall-appell. L-istess jgħodd għall-entrati fir-reġistru tal-artijiet. Sa issa l-partijiet setgħu jissottomettu proposta għar-reġistru tal-artijiet u b'hekk jiżguraw il-protezzjoni tal-ordni.

Ir-reġim propost ġdid, sakemm iddum l-epidemija, jippermetti l-partijiet **f'insolvenza** li jissottomettu r-rikors tagħhom, id-dikjarazzjoni jew l-att wara l-iskadenza, bir-raġuni għad-dewmien tkun dik tal-epidemija tal-COVID-19 u li l-qorti għadha ma ddeċiditx, rikors tardiv bħal dan jitqies xorta waħda u ma jiġi miċħud mill-qorti wara l-iskadenza. Din il-baży ġuridika ta' intervenzjoni, li tillaxxa s-severità u l-irreversibbiltà tal-atti fi proċedimenti ta' insolvenza, se tkun ukoll ċirkostanza importanti fil-valutazzjoni eventwali tal-President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja biex tiddetermina l-proċedimenti ta' insolvenza bħala proċedimenti urġenti.

Id-Digriet tal-5 ta' Mejju tal-President tal-Qorti Suprema li jissupera d-digriet preċedenti:

Il-qrati se jkomplu jiddeċiedu u jmexxu s-smiġh ta' każijiet urġenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83 tal-Att dwar il-Qrati u l-ordni tal-President tal-Qorti Suprema. Bl-ordni l-ġdida, il-President tal-Qorti Suprema ilu mill-5 ta' Mejju 2020 jespandi l-firxa ta' każijiet urġenti. Din tal-aħħar tinkludi wkoll każijiet ta' falliment u soluzzjoni mandatorja, li dwarhom tkun inħarġet deċiżjoni rigward il-bidu tal-proċedimenti sat-30 ta' Marzu 2020.

Sakemm idumu fis-seħħ il-miżuri speċjali, il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u persuni oħra li jixtiequ informazzjoni b'rabta ma' proċedura partikolari u ma rċevewx taħrika biex jidher quddiem il-qorti, iridu jiġu nnotifikati minn qabel matul is-siġħat pubbliċi permezz tal-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefown ipubbliċi għall-pubbliku.

1. It-teħid tad-deċiżjonijiet tal-qrati f'każijiet urġenti u mhux urġenti

Minħabba l-okkorrenza ta' avveniment straordinarju, jiġifieri epidemija tal-marda infettiva tas-SARS-CoV-2 (COVID-19) - coronavirus, li tista' xxekkel l-eżerċizzju bla intoppi jew regolari tal-ġurisdizzjoni u biex tiġi evitata l-imxija tal-epidemija ta' infezzjoni virali tal-marda infettiva SARS-CoV-2 (COVID-19) - coronavirus, jiġu protetti s-saħħa u l-ħajja tal-persuni u jiġi żgurat il-funzjonament tal-ġudikatura, il-qrati kollha mill-5 ta' Mejju 2020 qed imexxu s-smiġh, jaqgħu s-sentenzi u jinnotifikaw id-dokumenti tal-qorti.

f'każijiet li ma jkunux urġenti f'konformità mal-Artikolu 83 tal-Att dwar il-Qrati u li ma jitqisux bħala urġenti skont din l-Ordni, jekk il-qrati jistgħu jiżguraw it-tweġġ ta' dawn l-atti skont il-kundizzjonijiet stipulati f'din l-Ordni u f'miżuri oħra, iddeterminati abbażi ta' din l-Ordni mill-President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja, u b'tali mod li l-infezzjoni virali ma tinfirixx u jiġu ggarantiti s-saħħa u l-ħajja tal-persuni, u

f'materji urġenti, kif previst fl-Artikolu 83 tal-Att dwar il-Qrati, li minnhom dawn li ġejjin **mhumix** iżda meqjusa bħala **urġenti**:

- b.1. f' materji ta' assigurazzjoni, l-atti li jirrikjedu l-kuntatti personali tal-marrixxalli, il-partijiet interessati u persuni oħra f'dawn il-proċedimenti u t-tweġġ ta' tali atti ma jkunx meħtieġ biex jiġi skansat il-periklu għas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem jew għall-proprjetà ta' valur ogħla,
- b.2. protesti ta' kambjali jew ta' ċekkijiet, u kawżi dwar kambjali,
- b.3. inventarju tal-proprjetà tad-deċedut,
- b.4. każijiet ta' soluzzjoni mandatorja u ta' falliment li fihom ma tkunx ħarġet l-ebda deċiżjoni biex jinbdew il-proċedimenti sat-30.3.2020 inkluż,

2. Miżuri bażiċi għall-eżerċitar bla intoppi tas-setgħa ġudizzjarja fil-materji inkwistjoni:

2.1. Aċċess għall-qrati

Il-qrati għandhom jiddeterminaw il-punt tad-dħul fil-bini tal-qrati għall-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u persuni oħra, u l-punt tad-dħul fil-bini tal-qrati għall-imħallfin u l-persunal tal-qorti, fejn ikun possibbli li dan isir f'termini ta' spazju. Fil-punti ta' dħul, għandhom jittieħdu l-miżuri preventivi neċessarji kollha biex tiġi evitata l-infezzjoni virali u għandu jiġi ppubblikat avviż bil-mikub għal kull min ikun dieħel li jkun jirrigwarda l-miżuri preventivi fis-seħħ fil-bini tal-qrati. Għajr fil-każijiet ta' urġenza tul il-perjodu li jdumu fis-seħħ il-miżuri speċjali ta' parti, ir-rappreżentanti tagħhom u persuni oħra għandhom: 1. jissottomettu rikorsi biss bil-posta jew permezz tal-portal nazżjonali tal-e-Ġustizzja fil-proċeduri fejn dan ikun possibbli, 2. jużaw matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, l-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefown ippubblikati biex jikkomunikaw mal-qrati.

Sakemm idumu fis-seħħ il-miżuri speċjali, il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u persuni oħra li jitolbu informazzjoni rigward il-proċedimenti u ma jkunux irċevew taħrika, iridu jinnotifikaw, matul il-ħin tal-uffiċċju, fl-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefown preċedement ippubblikati.

2.2. Sessjonijiet ta' smigħ il-qorti, seduti tal-qorti u seduti tas-smigħ

Is-sessjonijiet, is-seduti u s-smigħ tal-qorti għandhom, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tekniċi u spazjali, normalment jitmexxew permezz tal-vidjokonferenza.

Fis-sessjonijiet, is-seduti u smigħ tal-qorti li ma jitmexxewx permezz tal-vidjokonferenza, id-distanza bejn il-persuni għandha tkun minn tal-anqas żewġ metri, kulħadd irid ikun liebes tagħmir protettiv u l-awli jridu jiġu diżinfettati.

2.3. Parteċipazzjoni tal-pubbliku fis-seduti tas-smigħ prinċipali

Sabiex tiġi evitata l-imxija tal-infezzjoni virali, biex tiġi protetta s-saħħa u l-ħajja tal-bniedem u biex ikun żgurat il-funzjonament tal-qrati kif ukoll l-eżerċitar tad-drittijiet u tal-obbligi, imħallef jew l-imħallef li jippresjedi jista' jeskludi b'mod temporanju lill-pubbliku mis-smigħ prinċipali kollu jew minn parti minnu.

2.4. Miżuri oħra

Miżuri oħra jiġu ddeterminati addizzjonalment għall-qrati kollha mill-President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja, u għal qorti individwali minn kull President tal-Qorti.

Validità tal-ordni u miżuri oħra

Din l-ordni u miżuri oħra ddeterminati abbażi tagħha għandhom jibqgħu fis-seħħ sa meta tifhabbar pubblikament ir-revoka tal-President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.

1.3 Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-UE

L-Awtorità Ċentrali għar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 (il-Ministeru għall-Ġustizzja) stabbilew sistema ta' telexogħol. Għalhekk, il-komunikazzjoni għandha tiġi trażmessa kemm jista' jkun permezz tal-posta elettronika minflok bil-posta stampata, fl-indirizz tal-posta elettronika li ġej: gp.mp@gov.si. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi speċjali, jista' jkun hemm dewmien fit-trażmissjoni tat-talbiet bil-posta stampata lill-qrati kompetenti.

Il-Ministeru għax-Xogħol, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq, l-Awtorità Ċentrali taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 2201/2003 stabbilixxa sistema ta' xogħol mill-bogħod u naqqas kemm jista' jkun il-preżenza fiżika fuq il-postijiet tax-xogħol. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, u sakemm din is-sitwazzjoni tippersisti, l-Awtorità Ċentrali ma tistax tigarantixxi l-ipproċessar normali tat-talbiet kollha li jidhru. L-ipproċessar tar-rikorsi deħlin jista' jiġi ggarantit biss meta jaslu bil-posta elettronika lill gp.mddsz@gov.si. Din tteġġeġ ħafna li l-komunikazzjonijiet kollha jsiru b'mezzi elettroniċi. It-talbiet fis-seħħ qegħdin jintbagħtu esklussivament b'mezzi elettroniċi.

Il-Fond għall-Boroż ta' Studju Pubbliċi, l-Iżvilupp, id-Diżabbiltà u l-Manteniment tar-Repubblika tas-Slovenja, l-Awtorità Ċentrali taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 attwalment qed jopera b'mod remot mid-dar. Għalhekk, l-Awtorità Ċentrali tapprezza jekk il-komunikazzjonijiet jintbagħtu permezz tal-posta elettronika fl-indirizz tal-posta elettronika li ġej: jpsklad@jps-rs.si. L-Awtorità Ċentrali wkoll se tikkomunika u tibgħat it-talbiet permezz tal-posta elettronika.

2 Miżuri relatati mal-insolvenza adottati jew ipplanati li jiġu adottati fl-Istati Membri wara t-tfqiġha tal-pandemija

2.1 Miżuri sostantivi ta' insolvenza u kuntratti relatati li jaffettwaw il-miżura

2.1.1 Sospensjoni tal-insolvenza

2.1.1.1 Sospensjoni tad-dmir li wieħed japplika għall-insolvenza (debituri)

Il-Liġi li għaddiet fit-02-04: differiment tal-obbligu li wieħed japplika għall-insolvenza u li tinbeda l-proċedura ta' saldu obligatorju, jekk l-insolvenza tkun dovuta għall-kriżi tal-Covid.

Suppożizzjoni konfutabbli ta' insolvenza relatata mal-covid jekk il-Gvern jew l-awtoritajiet lokali jsemmu l-attività tal-kumpanija f'lista. Jekk ma jkun hemm l-ebda suppożizzjoni, trid tingħata prova li l-insolvenza tkun dovuta għall-epidemija.

2.1.1.2 Protezzjoni tad-debituri dwar applikazzjoni għall-insolvenza mill-kredituri

Jekk il-kumpanija tiġi ddiċjarata insolventi minħabba l-epidemija u meta jintalab mill-kredituri, il-limitu ta' żmien sabiex tinkiseb ristrutturazzjoni (jew biex jintemm il-proċediment ta' insolvenza) huwa estiż b'erba' xhur.

2.1.2 Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' talba u sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt

2.1.2.1 Moratoria ġenerali / speċifiċi fuq l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet / l-eżekuzzjoni ta' ċerta tipi ta' pretensjonijiet

Fil-qasam tal-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjonijiet huma sospiżi. Wara li tidħol fis-seħħ l-emenda, il-qrati se jkunu jistgħu wkoll joħroġu mandati ta' eżekuzzjoni u ordnijiet ta' assigurazzjoni u jinnotifikawhom lill-klijenti f'kawżi mhux urġenti li bdew jiddekorru qabel l-introduzzjoni tal-miżuri minħabba l-epidemija. F'dawn il-każijiet, il-partijiet mhux se jkunu obligati jwieġbu minnufih, peress li l-iskadenzi f'kawżi mhux urġenti ma jiddekorru, u s-soluzzjoni legali li skontha l-eżekuzzjoni għadha fis-seħħ (ħlief f'każijiet urġenti, bħall-irkupru ta' manteniment) se tibqa' fis-seħħ, għall-proċedimenti ta' eżekuzzjoni li twaqqfu jew ġew posposti matul l-epidemija. Naturalment, dan ma jfissirx li l-parti li tixtieq twieġeb tkun limitata f'dan.

2.1.2.2 Sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt (kuntratti ġenerali / speċifiċi)

-

2.2 Ċivili, inkluż is-sospensjoni tal-qrati tal-insolvenza u s-sospensjonijiet proċedurali

Il-Każijiet ta' Insolvenza (ħlief għall-irkanti) l-ewwel ġew ikklassifikati bħala urġenti (mit-13-03), imbagħad mhux urġenti (mill-31-03), li jfisser li s-seduti ta' smigħ huma kkanċellati.

Matul l-epidemija, il-Qorti tal-Insolvenza ma tiftaħx każ ta' insolvenza (xi eċċezzjoni possibbli għall-ħaddiema b'kuntratt itterminat minħabba l-epidemija).

Ir-reġim propost il-ġdid bl-Att dwar il-Covid-19 li ġie approvat fid-29 ta' April, għat-tul ta' żmien tal-epidemija, jippermetti lill-partijiet **fi-insolvenza** jippreżentaw it-talba, id-dikjarazzjoni jew id-dokument tagħhom wara l-iskadenza. Jekk ir-raġuni għad-dewmien tkun l-epidemija tal-COVID 19 u l-qorti tkun għadha ma

ddeċidietx, u din it-talba tardiva tiġi kkunsidrata xorta u ma tkunx miċħuda wara l-iskadenza. Bażi legali ta' intervent tali, li tnaqqas is-severità u l-irreversibbiltà ta' atti fi proċedimenti ta' insolvenza, se tkun ukoll ċirkostanza importanti fil-valutazzjoni eventwali tal-President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja biex jiddetermina proċedimenti ta' insolvenza bħala proċedimenti urġenti.

2.3 Miżuri oħra ta' insolvenza (dawk relatati mal-azzjonijiet revokatorji, pjani ta' rjorganizzazzjoni, ftehimiet informali u oħrajn jekk ikun xieraq)

Ġiet introdotta suppożizzjoni inkonfutabbli addizzjonali: jekk l-impjegatur jibbenefika minn miżuri speċjali tal-Covid sabiex jiġu protetti s-salarji tal-ħaddiema, dan irid jiġihallas sa mhux aktar tard minn xahar. Jekk le, l-impjegatur jitqies bħala insolventi. Il-miżura tibqa' fis-seħħ sa 4 xhur wara t-tmiem tal-miżuri speċjali.

2.4 Miżuri relatati mhux ta' insolvenza (differimenti tal-pagamenti, self mill-banek, sigurtà soċjali, assikurazzjoni tas-saħħa, sussidji lin-negozji)

Fil-kreditu, il-ħlas jiġi differit (dispożizzjoni speċifika).

Id-dħul kollu miksub minn leġiżlazzjoni speċjali relatata mal-Covid huwa eskluż mill-eżekuzzjoni fiskali u ċivili (inkluż il-falliment personali).

L-aħħar aġġornament: 10/02/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.